



Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12526/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0116(NLE)

ENFOPOL 475

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru Parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS n°218) - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-27 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq¹.
2. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà, u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi oħra ("il-Konvenzjoni") saret fit-3 ta' Lulju 2016 u ilha miftuħa għall-iffirmar u r-ratifika minn dakinhar.
3. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, minħabba li jikkoinċidu ma' ċerti obbligi li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI dwar sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali.

¹ 8577/18.

4. Filwaqt li l-appoġġ tal-Unjoni għall-Konvenzjoni huwa importanti, l-Unjoni ma tistax issir parti għall-Konvenzjoni, minħabba li Stati biss jistgħu jkunu partijiet għaliha. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.
5. Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bid-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI, u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi eżamina l-proposta msemmija hawn fuq fil-laqgħa tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2018 u approva t-test tagħha b'bidla waħda. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie ppreżentat għar-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti sabiex tkun possibbli talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li d-Deċiżjoni sussegwentement tiġi adottata mill-Kunsill.
7. Konsegwentement, il-COREPER mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet li ġejjin tiegħu, jiddeċiedi li jibgħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti fid-dok. 12527/18.